32005R1219

29.7.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 199/45

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1219/2005

tat-28 ta' Lulju 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1623/2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, fir-rigward tal-mekkaniżmi tas-suq

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li joħloq organiżżazzjoni komuni fis-suq ta' l-inbid[1], u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 36 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1623/2000[2] jipprovdi, fil-qafas tas-sistema ta' l-għajnuniet għall-most li jintuża biex jitqawwew l-inbejjed, derogazzjoni għall-most li jkun ġej minn żoni tal-koltivazzjoni tad-dwieli għajr iz-zona CIII, li tiskadi fi tmiem is-sena ta' l-inbid 2004/2005. Fl-istennija ta' tibdila aktar profonda f'din is-sistema ta' għajnuniet meta ssir ir-riforma prevista ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq tad-dwieli u ta' l-inbid, huwa xieraq li din id-deroga tiġi mtawla sa' tmiem is-sena ta' l-inbid 2006/2007.

(2) L-Artikoli 45, 49 u 61 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 jistabbilixxu ċerti dati rigward id-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni ta' l-inbid. Fid-dawl tal-vendemmja abbundanti ħafna tas-sena ta' l-inbid 2004/2005, f'ċerti Stati Membri hemm diffikultajiet materjali biex id-distillazzjoni sseħħ sa l-iskadenzi previsti. Għalhekk jirriżulta li jeħtieġ li d-dati msemmija jiġu posposti.

(3) L-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 jipprevedi deroga għas-sistema ta' distillazzjoni ta' l-inbejjed prodotti minn għeneb li jaqgħu sew fil-klassifika ta'

---

1 ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1795/2003 (ĠU L 262, 14.10.2003, p. 13).

2 ĠU L 194, 31.7.2000, p. 45. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 616/2005 (ĠU L 103, 22.4.2005, p. 15).

varjetajiet għall-produzzjoni ta' l-inbejjed kif ukoll f'dik ta' varjetajiet maħsuba għall-produzzjoni ta' spirti ta' l-inbid ta' denominazzjoni ta' l-oriġini għas-snin ta' l-inbid 2001/2002 sa 2004/2005. Fl-istennija ta' tibdila aktar profonda f'din is-sistema ta' għajnuniet meta ssir ir-riforma prevista ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq tad-dwieli u ta' l-inbid, huwa xieraq li din id-deroga tiġi mtawla sa tmiem is-sena ta' l-inbid 2006/2007.

(4) L-Artikolu 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000, rigward id-distillazzjoni ta' l-inbid għall-produzzjoni ta' alkoħol għax-xorb, jiddetermina perċentwal tal-produzzjoni li l-produtturi jistgħu jiddedikaw għal din id-distillazzjoni. Jeħtieġ li dan il-perċentwal jiġi ddeterminat għas-sena ta' l-inbid 2005/2006.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru1623/2000 għandu jiġi emendat.

(6) Ġaladarba s-sena ta' l-inbid li jmiss tibda mill-1 ta' Awissu 2005, dan ir-Regolament għandu japplika minn dik id-data.

(7) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbejjed,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1623/2000 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1) fl-Artikolu 13(1)(b), "għas-snin ta' l-inbid 2003/2004 sa 2004/2005" huma ssostitwiti minn "għas-snin ta' l-inbid 2003/2004 sa 2006/2007".

2) fl-Artikolu 45(1) jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għas-sena ta' l-inbid 2004/2005, id-data msemmija l-ewwel subparagrafu hija posposta għall-31 ta' Awissu tas-sena ta' l-inbid ta' warajha.

3) fl-Artikolu 52(1)(d), "għas-snin ta' l-inbid 2001/2002 sa 2004/2005" huma ssostitwiti minn "għas-snin ta' l-inbid 2001/2002 sa 2006/2007".

4) ma' l-Artikolu 59, jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għas-sena ta' l-inbid 2004/2005, id-data msemmija fis-subparagrafu msemmi hija posposta għall-15 ta' Settembru tas-sena ta' l-inbid ta' warajha."

5) fl-Artikolu 61(3) jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:

"Madankollu, għas-sena ta' l-inbid 2004/2005, id-data msemmija fl-ewwel subparagrafu hija posposta għall-15 ta' Settembru tas-sena ta' l-inbid ta' warajha."

6) fl-Artikolu 63(a)(2), l-ewwel inċiż, l-aħħar sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Għas-snin ta' l-inbid 2004/2005 u 2005/2006, dan il-perċentwal huwa 25%."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Awissu 2005.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Lulju 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni